# Il-Banda fl-Imgħoddi (17)



Kitba ta' Jos. N. Farrugia

Is-sena 1961 kienet sena li fiha saru festi speċjali lil Santa Marija Mtella' s-Sema. Għalhekk, biex dawn il-festi fil-Gudja jiġu ċċelebrati bil-kbir, sar appell mill-Kappillan tal-parroċċa Dun Lawrenz Cachia, biex għal dik is-sena biss, il-festi sekondarji fil-Gudja ma jsirux kif isiru s-soltu, iżda jsiru biss il-festi ta' ġewwa. L-Għaqda tagħna, fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret il-Ħadd 15 ta' Jannar 1961 kienet aċċettat it-talba tal-Kappillan biex il-festa lill-Madonna taċ-Ċintura għal dik is-sena ssir ġewwa biss. Anzi biex inkomplu nghinu fit-tkabbir tal-festa ta' Santa Marija li dik is-sena flok fil-15 ta' Awissu kienet se ssir fl-20 ta' Awissu, aħna aċċettajna wkoll li l-armar li għandna għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, dik is-sena narmawh fil-festa ta' Santa Marija mill-knisja lejn il-każin tagħna. Aħna offrejna wkoll li l-banda tagħna tagħmel żewġ servizzi flok wieħed, biex tkompli tkabbar il-festa ta' Santa Marija fil-Gudja, iżda t-tieni servizz bil-banda ġie mħassar aktar tard mill-Kappillan u l-banda tagħna għamlet servizz wieħed biss, jiġifieri dak li jsir is-soltu.

Il-kwistjoni politika/reliġjuża li kien hawn fil-pajjiż, aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar kienet qed tiħrax, u meta l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Sir Michael Gonzi kien se jagħmel viżta fil-Gudja nhar is-Sibt 19 ta' Awissu 1961, iż-żewġ baned tal-Gudja ġew mitluba biex jieħdu sehem billi jdoqqu fid-dimostrazzjoni li kellha tibda kmieni wara nofsinhar minn fejn il-Palazz ta' Bettina sal-Knisja. Biex jagħmel dak li l-membri tagħna xtaqu li jsir, il-kumitat tagħna għamel Laqgħa Ġenerali Straordinarja nhar il-Ħadd 30 ta' Lulju 1961, u n-numru kbir ta' membri preżenti, iddeċidew, b'maġġoranza kbira, li l-banda tagħna ma tieħux sehem fid-dimostrazzjoni għar-raġuni li l-baned qatt ma ħadu sehem, u lanqas qatt saret xi dimostrazzjoni meta l-Arċisqof żar il-Gudja (iżda għalkemm il-banda tagħna ma ħaditx sehem fid-dimostrazzjoni, l-Arċisqof xorta ġie mwassal sal-knisja bil-banda).

**IL-FESTA TA' SANTA MARIJA**

**FIL-GUDJA**

Dawn huma l-festi ta' barra li se jsiru fil-Gudja fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija, u l-525 anniversarju mit-twaqqif ta' din il-Parroċċa.

Għada, 16 t'Awissu, fit-8.30 p.m. marċ u programm mill-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa.

Il-Ħamis, 17 ta' Awissu, fit-8.30 p.m. marċ u programm mill-Banda Prince of Wales tal-Birgu.

Il-Ġimgħa, 18 ta' Awissu, fit-8.30 p.m. marċ u programm mill Banda La Stella tal-Gudja.

Is-Sibt, 19 ta' Awissu fis-5.45 p.m. Dimostrazzjoni ta' fedelta' lill-Arċisqof. Fit-8.30 p.m. Il-Baned Our Lady of Consolation tal-Gudja u King's Own tal-Belt jagħmlu marċijiet u programmi. Fil-11 p.m. Logħob tan-nar.

Il-Ħadd, 20 ta' Awissu: Fl-4 p.m. Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla tagħmel marċ u programm. Fl-4.30 p.m. Il-baned Union ta' Ħal Luqa u La Valette tal-Belt jagħmlu marċi u programmi.

Minħabba d-deċiżjoni li l-banda tagħna ma tieħux sehem fid-dimostrazzjoni, l-Għaqda tagħna rċeviet ittra f'isem id-direttur spiritwali ta' l-Għaqda tagħna biex inbiddlu d-deċiżjoni tagħna li ma nieħdux sehem fid-dimostrazzjoni, iżda meta aħna ktibna lid-direttur spiritwali ta' l-Għaqda li din kienet deċiżjoni meħuda b'maġġoranza kbira f'Laqgħa Ġenerali li ssejħet apposta, aħna rċivejna ittra f'ismu fejn biha rriżenja minn direttur spiritwali ta' l-Għaqda tagħna. Jien ktibt li l-ittri rċivejniehom f'isem id-direttur spiritwali u mhux mid-direttur spiritwali, għaliex snin wara sirna nafu (uħud minna) li dawk l-ittri ma kitibhomx hu, iżda ġie ordnat li jiffirma dawk l-ittri li kiteb ħaddieħor, u bħala ubbidjenza, huwa ma setax jirrifjuta li jiffirmahom.

Għalkemm il-banda tagħna ma daqqitx fid-dimostrazzjoni, malli spiċċat id-dimostrazzjoni u l-attivitajiet li kellhom x'jaqsmu magħha, aħna morna biex nibdew il-marċ ta' lejlet il-festa ta' Santa Marija, peress li dik is-sena aħna kien imissna d-dritta, u fost il-mużika li daqqejna fil-programm, kellna *selection* mill-Opra *La Traviata* li l-Assistent Surmast Ġużeppi N. Farrugia kkopja minn waħda mill-partituri li xtrajna mingħand il-Prof. Giuseppe Cianco s-sena ta' qabel.

Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar 1962 is-Sinjuri Gio Maria Dalli u Giuseppe N. Farrugia reġgħu ġew maħtura president u segretarju, filwaqt li bħala kaxxier ta' l-Għaqda tagħna ġie maħtur is-Sur Ġużi Abela.

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali approvat ukoll ir-

regolamenti dwar il-ħatra ta' riviżur u s-Sur Effie Ellul ġie maħtur bħala l-ewwel riviżur ta' l-Għaqda tagħna. Ġie approvat ukoll li peress li l-qagħda finanzjarja ta' l-Għaqda tagħna tjiebet ħafna, parti mill-flus jiġu mqiegħda f'Bank f'Malta.

Issa li kellna sew is-sett tal-pavaljuni kif ukoll tal-bandalori kompluti, kien imiss li jsir ix-xiri ta' l-antarjoli, biex meta niġu għall-armar tal-bandalori, ma jkollniex bżonn noqogħdu niġru u nittalbu għall-kiri ta' l-antarjoli, bil-periklu li jekk ma nsibux antarjoli, il-bandalori ma nkunux nistgħu narmawhom.

Dik is-sena wkoll għamilna użu mill-partituri li konna xtrajna mingħand il-Prof. Cianco meta daqqejna *selection* mill-Opra *Aida* li wkoll ġiet ikkuppjata mill-assistent surmast. Biex ma jkollux xi jtellfu fix-xogħol talab lill-kumitat biex fil-*Malta Band Clubs Association* jiġi maħtur rappreżentant ieħor minfloku, u bħala rapppreżentant ta' l-Għaqda tagħna fil-MBCA ġie maħtur is-Sur Loretu Abela.

Matul dan iż-żmien ħargu jdoqqu mal-banda tagħna l-bandisti Andrew Zammit bit-tamburlin u Ġużeppi Dalli bl-*euphonium* u s-servizzi tal-banda kienu:

**19 ta' Marzu 1961 — Jum il-Membri — Gudja**

Il-Banda tagħna daqqet xi marċi funebri kif ukoll:

| | | |
|---|---|---|
| Innu Funebri | Mater Dolorosa | F. Diacono |
| Mużikali | Plange | F. Falzon |
| Mużikali | Largo | G. Handel |
| Innu Funebri | Meditation | J.N. Farrugia |

**Surmast:** Joseph M. Bilocca




Is-Sur Domnic Ellul (xellug) raġel bravu ieħor mill-Gudja, jidher jiġi ppremjat mis-Sur Igino Xuereb, uffiċjal għoli tal-BoV għan-numru kbir ra' suġġerimenti li ressaq għall-ħidma aħjar mill-Bank of Valletta lejn il-klijenti tiegħu.

**10 ta' April 1961 — Kristu Rxoxt — Belt**

Il-banda tagħna għamlet marċ mat-toroq tal-Belt u daqqet programm waqt il-ħruġ u d-dħul tal-purċissjoni.

**Surmast:** Joseph M. Bilocca

**2 ta' Lulju 1961 — Sant'Andrija — Luqa**

Wara marċ mat-toroq tal-parroċċa l-banda tagħna daqqet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Inno | Pontificio | Ch. Gounod |
| Sinfonia | Festa Campestra | M. Bartolucci |
| Marċ | Mersiljana | J.N. Farrugia |
| Reminiscenza | Lucia di Lamermoor | G. Donizetti |
| Marċ | Seventh Century | J.M. Bilocca |
| Innu | Our Lady of Consolation Band | W. Attard |
| | Innu Malti | R. Samut |
| | God Save the Queen | |

**Surmast:** Joseph M. Bilocca

**19 ta' Awissu 1961 — Santa Marija — Gudja**

Wara marċ qasir minħabba l-attività ta' l-Arċisqof indaqq dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Santa Marija | J.M. Bilocca |
| Selection | La Traviata | G. Verdi |
| Innu | Our Lady of Consolation Band | W. Attard |
| | Innu Malti | R. Samut |
| | God Save the Queen | |

**Surmast:** John M. Bilocca

**8 ta' April 1962 — Jum il-Membri — Gudja**

Il-banda tagħna daqqet xi marċi funebri kif ukoll:

| | | |
|---|---|---|
| Innu Funebri | Mater Dolorosa | Frankie Diacono |
| Mużika | Plange | Ferdinand Falzon |
| Innu Funebri | Meditation | Jos. N. Farrugia |

**Surmast:** Joseph M. Bilocca

**29 ta' April 1962 — Kristu Rxoxt — Belt**

Wara marċ mat-toroq tal-Belt il-banda tagħna daqqet programm waqt il-ħruġ u d-dħul tal-purċissjoni.

**Surmast:** Joseph M. Bilocca

**5 ta' Awissu 1962 — San Pietru — Birżebbuġa**

Wara marċ mat-toroq tal-parroċċa l-banda tagħna daqqet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Innu | San Pietru | C. Pace |
| Sinfonia | Festa Campestra | M. Bartolucci |
| Selection | Aida | G. Verdi |
| Innu | Our Lady of Consolation Band | W. Attard |
| | Innu Malti | R. Sammut |
| | God Save the Queen | |

**Surmast:** Joseph M. Bilocca

**13 ta' Awissu 1962 — Santa Marija — Gudja**

Wara marċ mat-toroq tal-Gudja l-banda daqqet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Santa Marija | J.M. Bilocca |
| Selection | Aida | G. Verdi |
| Innu | Our Lady of Consolation Band | W. Attard |
| | Innu Malti | R. Samut |
| | God Save the Queen | |

**Surmast:** Joseph M. Bilocca